(

# RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETA'

**IL-MINISTERU GHALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA, NEGOZJI ŻGHAR U L-KONSUMATUR** jipproponi illi l-Kamra tapprova din ir-Riżoluzzjoni:

Billi permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament li għaddiet fil-21 ta' Mejju, 1991, l-art li tinsab bejn il-monument tal-RAF u l-Fosos tal-Furjana li tagħti fuq Triq l-Assedju l-Kbir, Triq Sant'Anna u Triq Nelson ġiet mogħtija b'cens lill-Kumpanija Jonston Company Ltd, biex tiġi żviluppata bħala Car Park, liema ċens aktar tard ġie trasferit lill-kumpanija MCP Company Limited;

U billi hija l-intenzjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta li jkun hemm spazju addizzjonali ta' parkegg ta' vetturi fl-akkwati tal-Belt, kemm ghal beneficcju tal-pubbliku kif ukoll tal-komunita' kummercjali tal-Belt;

U billi il-kumpanija MCP Co Ltd. sejra taghmel investiment sostanzjali sabiex isiru dawn il-xogholijiet;

U billi jeħtieġ li l-Car Park imsemmi isirulu modifiki ħalli jikkomplimenta mal-proġett ta' Bieb il-Belt;

U billi intlaħaq ftehim bejn il-Gvern u l-MCP Company Limited sabiex isiru dawn il-modifiki strutturali fosthom li l-wiċċ tal-Car Park jiġi magħluq u jsir ġnien pubbliku;

U billi hija l-intenzjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta li jirranġa, jsebbah u jtejjeb l-inhawi li jdawwru l-Belt;

U billi hija wkoll l-intenzjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta li jtejjeb l-acces ghall-Belt kemm bir-rigel kif ukoll bil-vetturi;

U billi hija l-politika tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta illi jinkorraggixxi illi jinholqu postijiet rekrejattivi u gonna ghat-tgawdija tal-pubbliku;

U billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jestendi iz-zmien tac-cens temporanju favur il-kumpanija MCP Company Limited ghal perjodu ta' 65 sena ohra minn meta jiskadi ċ-ċens originali hekk kif indikat fl-imsemmi att u bi hsiebu jaghmel dan kollu permezz ta' Att Korrettorju u Estensjoni Ta' Enfitewsi Temporanja;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi isir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan ir-riżolut li jsir att korrettorju sabiex d-deskrizzjoni tal-art tigi korretta u jsir estensjoni tal-koncessjoni enfitewtika favur il-kumpanija MCP Company Limited, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, għall-iskopijiet u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**IL-MINISTRU GHALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA, NEGOZJI ZGHAR U L-KONSUMATUR**